MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta 2 ta' Diċembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 9/2020 LM

**Diane Ciantar (K.I. numru 7770M)**
*("l-appellanta")*

***vs*.**

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*("l-appellat")*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-appellanta **Diane Ciantar** [minn issa 'l quddiem "l-appellanta"] mid-deċiżjoni tat-30 ta' Diċembru, 2019, numru 463/19 [minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"] mogħtija mill-Arbitru

għas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem "l-Arbitru"], li permezz tagħha ddeċieda li jiċħad l-appell tagħha fil-konfront tad-**Direttur Ġenerali tas-Sigurta Soċjali** [minn issa 'l quddiem "id-Direttur Ġenerali appellat"] għar-raġunijiet hemm imfissra, filwaqt li kkonferma d-deċiżjoni tal-istess Direttur Ġenerali appellat tas-17 ta' Mejju, 2018.

**Fatti**

2. Il-fatti ta' din il-kawża jirrigwardaw id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat tas-17 ta' Mejju, 2018, fejn l-appellanta filwaqt li ġiet infurmata li hija kienet tħallset żejjed is-somma ta' €2,899.94 f'Għajnuna Għall-Mard mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali għall-perijodu mill-14 ta' Novembru, 2015 sad-19 ta' Jannar, 2018, ġiet infurmata wkoll li dan il-ħlas żejjed kien ser jitnaqqas bir-rata ta' 30% mill-Għajnuna Medika (SKA) jew xi benefiċċju ieħor li hija kienet tirċievi mill-istess Dipartiment. Din id-deċiżjoni kienet ittieħdet wara li d-Direttur Ġenerali appellat kien iddeċieda li hija ma kinitx għadha intitolata li tirċievi tali benefiċċju, u dan wara l-konstatazzjonijiet li kienu saru mid-Dipartiment għall-Investigazzjoni ta' Frodi ta' Benefiċċji fuq investigazzjoni dwar rapport anonimu li l-appellanta kienet wirtet €400,000.

**Mertu**

3. L-appellanti istitwiet proċeduri ta' appell quddiem l-Arbitru permezz ta' ittra tal-Avukat Joseph Brincat tat-23 ta' Mejju, 2018, fejn ikkontestat id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat. Dan tal-aħħar wieġeb fl-24 ta'

Ottubru, 2018. Filwaqt li sostna li l-appell tagħha ma kien inqanqal l-ebda punt ta' liġi jew ta' prinċipju ta' importanza u b'hekk kellu jiġi miċħud, irrileva li l-Għajnuna Medika (SKA) kienet twaqqfet lill-appellanta wara investigazzjoni li saret min-naħa tad-Direttorat tal-Osservanza tal-Benefiċċji, fejn id-Direttur Ġenerali appellat ma kienx sodisfatt li hija ma kellhiex riżorsi kapitali li kienu jeċċedu l-valur ta' €14,000 u/jew li ma ddisponietx mir-riżorsi kapitali sabiex tikkwalifika għall-Għajnuna. Għal din ir-raġuni hija kienet intalbet sabiex trodd lura lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali s-somma ta' €2,899.94 li tkopri l-perijodu tal-ħlas tal-benefiċċju bejn l-14 ta' Novembru, 2015, u d-19 ta' Jannar, 2018.

**Id-deċiżjoni appellata**

4. L-Arbitru wasal għad-deċiżjoni appellata għar-raġunijiet li huwa fisser kif ġej, u dan filwaqt li ħa inkonsiderazzjoni l-fatt li l-appellanta kienet ressqet erba' appelli quddiemu minn erba' deċiżjonijiet separati meħuda mid-Direttur Ġenerali appellat fil-konfront tagħha:

> *"Ikkonsidra li dawn huma erba' appelli relatati li jirrigwardaw il-waqfien tal-ħlas tal-benefiċċju tal-Għajnuna Soċjali u tal-Għajnuna Medika u d-deċiżjonijiet fejn intalab ir-rifużjoni tal-ħlas żejjed tal-benefiċċji magħmul lill-appellanta.*
>
> *Illi mill-provi prodotti rriżulta li d-deċiżjonijiet tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali huma imsejsa fuq investigazzjoni li saret mid-Dipartiment tal-Investigazzjoni u Frodi ta' Benefiċċju fejn skont l-uffiċjali investigattivi rriżulta li skont it-Tax Compliance Unit irriżulta li l-appellanta kellha EUR70,000 meta inbiegħ proprjetà fi Triq il-Belt Valletta Qormi liema ammont l-appellanta qatt ma ddikjarat. Imma skont l-investigazzjoni rriżulta li l-appellanta filwaqt li ġabet id-dokumentazzjoni kollha relattiva għall-parti minn dan l-ammont li kien jilħaq EUR30,000 imħallas bħala dejn lill-Bank ma ġabet ebda dokument li seta' jiġġustifika l-bilanċ għajr li tat EUR16,000*

*lil uliedha bniet u EUR14,000 lin-Nutar Mangion. Inoltre l-appellanta naqset li ġġib informazzjoni biex tirribatti dak li kien qed issostni d-Dipartiment fuq wirt ta' Calcedon Vella li kien jammonta għal xi EUR400,000. Dan joħroġ ċar mid-dikjarazzjoni tal-*causa mortis *tat-28 ta' Jannar 2016 fuq proprjetà immobbli favur l-appellanta u ittra tal-BOV datata 17 ta' Ottubru 2015 li permezz tagħhom ġie dikjarat li kemm kellu fondi fil-kontijiet bankarji tiegħu. Irriżulta ukoll li b'dawn it-tibdil fiċ-ċirkustanzi kollha tagħha, l-appellanta naqset li tinforma lid-Dipartiment b'dawn it-tibdil kif kellha l-obbligu li tagħmel. Dan jirriżulta ċar fl-applikazzjoni għall-benefiċċju li għamlet u ffirmat l-appellanta stess.*

*Għaldaqstant l-Arbitru huwa tal-fehma illi d-deċiżjonijiet tad-Direttur Ġenerali datati 8 ta' Jannar 2018 (żewġ deċiżjonijiet), 7 ta' Mejju 2018 u 17 ta' Mejju 2018 huma ġusti u korretti u għalhekk għandhom jiġu konfermati."*

**<u>L-Appell</u>**

5. L-appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fit-13 ta' Frar, 2020, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tirrevoka d-deċiżjoni appellata u tiddikjara li hija għandha d-dritt għall-Għajnuna Soċjali. Tissottometti li l-aggravju tagħha fir-rigward tad-deċiżjoni appellata huwa li l-Arbitru straħ fuq verżjoni tal-fatti li ma kinitx taqbel mal-verità.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

6. Id-Direttur Ġenerali appellat min-naħa tiegħu jwieġeb li l-appell intavolat huwa wieħed infondat fil-fatt u wkoll fid-dritt. Għal dawk ir-raġunijiet li jispjega fir-risposta tiegħu, huwa jissottometti li d-deċiżjoni appellata timmerita li tirċievi konferma.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tal-appellanta flimkien mas-sottomissjonijiet tad-Direttur Ġenerali appellat, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Arbitru fid-deċiżjoni appellata.

8. L-appellanta qiegħda ssostni li l-Arbitru ddeċieda l-appell tagħha billi straħ fuq verżjoni tal-fatti li ma kinitx tirrifletti l-verità. Tinsisti li kull bilanċ li kien baqa' mir-rikavat tal-bejgħ tal-proprjetà fi Triq il-Belt Valletta, Qormi, kien mar sabiex tħallas dejn, u dan kif kien jirriżulta mill-proċeduri legali li kienu saru kontra żewġha u kontra l-kumpannija tiegħu. Huwa minnu li hija kienet wirtet ukoll skont testment esebit fl-atti, iżda daqstant ieħor ukoll hija kienet ħallset għad-dejn għaliex altrimenti żewġha lanqas kien ikollu l-mezzi u l-possibiltà li jgħajjex l-erbat itfal tiegħu li kienu baqgħu miegħu. Tgħid li mid-dokumenti esebiti kien saħansitra jirriżulta li d-dejn kien wisq superjuri għal dak li setgħet tgħid li kien tagħha. Imbagħad għar-rigward tal-allegazzjoni li hija kienet wirtet €400,000 mingħand Calcedonio Vella, tissottometti li ma kienet tressqet l-ebda prova in sostenn ta' dan. Tgħid ukoll li wara kollox il-wirt tiegħu kien limitat u fil-*causa mortis* kienet issemmiet il-proprjetà immobbli u għand min marret.

9. Id-Direttur Ġenerali appellat wieġeb fit-3 ta' Marzu, 2020, billi qabelxejn eċċepixxa li din il-Qorti bħala qorti ta' reviżjoni m'għandhiex il-kompetenza li tagħmel rivalutazzjoni tal-provi għal raġuni kapriċċjuża jew superfluwa, u hawnhekk jagħmel riferiment għall-ġurisprudenza in sostenn tal-argument tiegħu. Dwar il-mertu fejn l-appellanta qiegħda tikkontendi li l-valur tad-dejn

kien ferm akbar minn dak li wirtet, id-Direttur Ġenerali appellat jirrileva li kif sewwa qal l-Arbitru, l-appellanta ma ressqet l-ebda prova dokumentarja in sostenn ta' dan, għajr għall-ammont ta' €16,000 li hija kienet tat lil uliedha l-bniet u €14,000 lin-Nutar Mangion. Jispjega kif is-sehem tal-appellanta minn dak id-dejn kellu jkun ta' €53,376.47, iżda kemm hu, kif ukoll l-Ispettorat, għażlu li jaċċettaw li skont l-avukat difensur tagħha, is-sehem tagħha mir-rikavat mill-bejgħ tad-dar matrimonjali fl-ammont ta' €70,000 kien mar kollu lejn il-ħlas tad-dejn. B'hekk allura d-dejn ma kellux jiġi kkunsidrat aktar bħala pendenza u l-appellanta kellha turi li dak li wirtet mingħand Calcedonio Vella ma kienx jeċċedi l-iskala *o meno,* u anki kellha tressaq raġuni plawsibbli għaliex hija kienet ħarġet tliet ċekkijiet għal total ta' €30,000 lin-Nutar Carmel Mangion u liż-żewġ uliedha, rispettivament. Mit-testment ta' Calcedonio Vella kif wkoll mid-dokumenti anċillari, kien jirriżulta li hija għandha f'isimha €97,447.50 u garaxx b'valur viċin it-€18,000 u l-appellanta baqgħet ma ressqet l-ebda prova sabiex tissostanza l-argument tagħha li d-dejn kien akbar mill-assi. Id-Direttur Ġenerali appellat jikkontendi wkoll li l-appellanta kompliet iċċaħħad lilha nnifisha mill-assi tagħha meta mingħajr ma spjegat ir-raġuni tagħha għal dan, hija ħallset €14,000 lin-Nutar Malcolm Mangion u €16,000 lil żewġ uliedha bniet. Jissottometti li l-appellanta ma kkorraboratx il-pagamenti li hija kienet għamlet lin-Nutar u liż-żewġ uliedha l-bniet u għalhekk id-Direttur Ġenerali appellat ma kellu l-ebda għażla għajr li jikklassifikahom bħala donazzjonijiet. Minn hawnhekk id-Direttur Ġenerali appellat jgħaddi sabiex jiċitta d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kap. 318 fir-rigward tal-kalkolu tal-mezzi skont dak l-Att, u jissottometti li kemm id-deċiżjoni tiegħu, kif ukoll dik tal-Arbitru, kienu konformi u fil-parametri ta' din il-liġi. Jgħid li skont il-para. (b)

tas-subartikolu 97(1) tal-Kap. 318, kien jinkombi fuq l-appellanta li tinforma lid-Dipartiment dwar il-proprjetà u t-trasferimenti tal-istess, iżda hija minflok kisret ir-rapport ta' fiduċja ta' bejniethom u marret kontra d-dikjarazzjoni magħmula minnha stess fl-applikazzjoni oriġinali tagħha. Min-naħa tiegħu, id-Direttur Ġenerali appellat ma hux f'pożizzjoni li jittolera abbużi u huwa obbligat li jimxi dejjem skont il-liġi. F'dan kollu d-Direttur Ġenerali appellat iċċita minn diversi sentenzi ta' din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, sabiex jissostanzja l-argumenti tiegħu.

10. Din il-Qorti tgħid li d-deċiżjoni appellata hija waħda tajba. Tibda billi tirrileva li fil-proċeduri quddiem l-Arbitru, l-appellanta naqset li tixhed jew li tressaq prova sabiex tissostanzja l-kontestazzjoni tagħha tad-deċiżjoni meħuda mid-Direttur Ġenerali appellat fil-konfront tagħha. Fl-ittra li bagħat l-avukat difensur tal-appellanta fit-23 ta' Mejju, 2018, għan-nom tagħha, jingħad li mhux minnu li l-valur tar-riżorsi kapitali kienu jeċċedu €14,000 u għalhekk tikkontendi li hija għad għandha dritt li tirċievi l-għajnuna medika.

11. Din il-Qorti tkompli tgħid li għalhekk ukoll sewwa osserva t-Tribunal li l-appellanta naqset milli tressaq il-provi opportuni sabiex tirribatti l-allegazzjoni li saret min-naħa tad-Direttur Ġenerali appellat, li hija kienet wirtet lil Calcedonio Vella fl-ammont ta' €400,000. Iżda tagħraf ukoll li din l-allegazzjoni ma ġietx sostanzjata min-naħa tad-Direttur Ġenerali appellat u għalhekk mingħajr dubju l-Qorti ma tistax tikkunsidra dan bħala fatt ippruvat.

12. Madankollu jirriżulta li:

(A) Permezz ta' kuntratt ta' bejgħ u kompromess iffirmat fil-21 ta' Marzu, 2017, mal-HSBC Bank Malta p.l.c. u ma' Emanuel Ciantar li minnu llum l-appellanta hi ddivorzjata in forza ta' Digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tal-20 ta' Ġunju, 2013, il-partijiet ittransiġew il-pendenzi ta' bejniethom, u filwaqt li ġie dikjarat li b'hekk Emanuel Ciantar flimkien mal-appellanta ħallsu s-somma ta' €64,828.90 lill-bank, fejn is-somma ta' €28,628.90 kienet ġiet rilaxxjata lilu minn fondi depożitati l-Qorti f'isem Emanuel Ciantar u Diane Ciantar, u r-rimanenti €36,200.00 tħallas minn Emanuel Ciantar. Minn dan il-Qorti tifhem li għal xi raġuni jew oħra kien hemm depożitat taħt l-Awtorità tal-Qorti s-somma ta' €28,628.90 li kienet tappartjeni lill-appellanta u lil Emanuel Ciantar, iżda tali somma marret fl-intier tagħha lejn id-dejn dovut lill-bank.

(B) Calcedonio Vella li miet fit-13 ta' Novembru, 2015, istitwixxa lill-appellanta bħala l-uniku eredi universali u assolut tiegħu permezz tat-testment tiegħu magħmul fil-4 ta' Awwissu, 2015, quddiem in-Nutar Anthony Abela, għajr għal dik il-proprjetà immobiljarja li d-decujus wiret mingħand il-ġenituri tiegħu. Il-Qorti tosserva li kopja ta' dan it-testment, flimkien ma' għadd ta' dokumenti oħra, kienu ġew ippreżentati mid-Direttur Ġenerali appellat waqt is-seduta tat-30 ta' Novembru, 2018, miżmuma quddiem l-Arbitru, u dan wara l-istess kienu ntalbu mingħand l-appellanta qabel ma ġew istitwiti l-proċeduri preżenti. Min-naħa tagħha l-appellanta ma kkontestatx il-fatt li hija kienet wirtet lil Calcedonio Vella. Iżda għajr għall-ittra mibgħuta lin-Nutar Anthony Abela fis-17 ta' Diċembru, 2015 mill-Bank of Valletta p.l.c., fejn dan żvela d-dettalji tad-

depożiti miżmuma f'isem id-decujus, inkluż *safe deposit locker*, u għajr għal kopja ta' dikjarazzjoni *causa mortis* fir-rigward ta' proprjetà immobiljarja konsistenti f'garaxx li l-appellanta wirtet mingħandu, ma tirriżulta l-ebda nformazzjoni ulterjuri dwar dak li effettivament wirtet l-appellanta mingħand Calcedonio Vella. Madankollu minn din l-informazzjoni l-Qorti tista' tgħid li mal-mewt tiegħu fit-13 ta' Novembru, 2015, l-appellanta wirtet flus kontanti fis-somma ta' €97,524.24 u garaxx b'valur ta' €18,000.

(C) Skont l-ittra tas-6 ta' Novembru, 2017, miktuba mill-avukat difensur tal-appellanta, id-dar matrimonjali wkoll kienet ġiet mibjugħa, u dan lit-tifla tagħha, fejn il-kumplament tad-dejn mal-bank tħallas mir-rikavat. Iżda l-Qorti tosserva li ma tirriżulta l-ebda evidenza dokumentarja fir-rigward ta' dan il-bejgħ, wisq anqas li mir-rikavat tħallas il-kreditu tal-bank. Barra minn hekk, ma tirriżulta l-ebda evidenza tal-pagamenti li allegatament saru mill-appellanta mill-istess rikavat lin-Nutar Malcolm Mangion u liż-żewġt itfal tagħha l-bniet mill-istess rikavat, sabiex b'hekk seta' ġie stabbilit jekk dawn kellhomx jiġu aċċettati bħala spejjeż.

13. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tgħid li tikkondividi l-konklużjoni tat-Tribunal li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat tat-8 ta' Jannar, 2018, kienet ġusta u korretta. Mingħajr ma jittieħed inkonsiderazzjoni r-rikavat mill-bejgħ tad-dar matrimonjali u l-użu ta' dak ir-rikavat mill-appellanta in vista tan-nuqqas ta' prova dokumentarja, jirriżulta bla dubju li mal-mewt ta' Calcedonio Vella, l-appellanta wirtet flus kontanti fis-somma ta' €97,524.24 u garaxx

b'valur ta' €18,000. Għalhekk jista' faċilment jingħad li r-riżorsi kapitali tagħha f'dak il-mument eċċedew il-valur ta' €14,000.00.

14. Għaldaqstant din il-Qorti ma ssibx li l-aggravju tal-appellanta huwa ġustifikat u tiċħdu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanti billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma fl-intier tagħhom d-deċiżjoni appellata u d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat tas-17 ta' Mejju, 2018.**

**L-ispejjeż marbuta mal-proċeduri quddiem l-Arbitru, kif ukoll dawk ta' din l-istanza, għandhom jitħallsu mill-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**